TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 171

KAZ NRU. 160

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

France Caruana

u

l-Management ta' Hal-Ferh Holiday Co. Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 4 ta' Lulju, 1984.

Chairman: T. Portughese B.A.(Hons), M.A.

Dan il-kaz gie riferut ghall-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali b'ittra ta' l-1 ta' Settembru, 1981 mill-Onor. Ministru tax-Xoghol taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX tal-1976.

It-Tribunal zamm tlettax-il seduta u sema' ghadd twil ta' xhieda biex seta' jifforma kwadru awtentiku u lampanti tas-sitwazzjoni kkaratterizzata minn aspetti u fatturi ta' tilwim industrijali bejn impjegat u kumpanija. Fl-ewwel fazi tal-kaz, is-sedja kellha tissospendi s-smiegh u t-trattazzjoni tieghu, ghax l-appellant wera sfiducja fic-Chairman. Il-kaz rega' gie appuntat wara li l-appellant intrabat li jgib ruhu b'mod civili u jimxi skond id-direttivi tac-Chairman.

Waqt li l-appellant iddefenda lilu nnifsu, il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-Sur Louis Grech, Direttur.

2. Statements of Case

L-appellant issottometta li tkecca mill-impieg nhar it-3 ta' April, 1981 wara li gie akkuzat li ghamel

diversi allegazzjonijiet serji kemm fuq il-Management kif ukoll fuq l-istaff ta' Hal-Fer Holiday Co. Ltd., u wara li ttiehdet in kunsiderazzjoni l-imgieba tieghu matul l-impieg. Fid-29 ta' Mejju, 1981 rcieva ittra minghand l-Accountant tal-Kumpanija biex jehodlu r-rizenja tieghu minn mal-kumpanija b'effett mis-17 ta' Mejju, 1981. Huwa sostna li qatt ma baghat xi ittra ta' rizenja mill-impieg. Fit-3 ta' Dicembru, 1981 gie dikjarat fic-Certifikat ta' Temm ta' Impieg, li hu irrizenja fis-17 ta' Mejju, 1981. Huwa lmenta li qatt ma gie moghti cans li l-ilmenti dwar abbuzi f'Hal Ferh jigu nvestigati kif suppost. L-appellant issottometta li n-natura tax-xoghol tieghu ta' Night Porter/Security timplika l-intitolazzjoni li jressaq ilmenti li jkun gabar, u dak li ghamel kien b'sens ta' dover lejn il-Kumpanija. Huwa ghalhekk talab li jinghata l-impieg b'effett retroattiv tat-8 ta' April, 1981 minghajr ksur fiz-zmien ta' servizz; li jigi kkumpensat ghat-tnaqqis tal-paga li sofra fl-impieg gdid li nghata mal-Holiday Services Ltd; u li l-hlas li rcieva mill-kumpanija bejn it-8 ta' April u s-17 ta' Mejju, 1981 jitqies bhala paga tas-servizz tieghu.

<u>Il-Kumpanija</u> ssottomettiet li t-tkeccija giet deciza minhabba l-imgieb globali ta' l-impjegat; ir-relazzjonijiet bejn l-impjegat u l-Management, u bejnu u ufficjali tal-Union jew haddiema ohra. Meta l-kumpanija nsistiet li l-allegazzjonijiet tieghu jigu konkretizzati u ppruvati, instab li dawn l-akkuzi kienu qed joskuraw ingustament ghadd ta' persuni onesti. Fi stadju minnhom, l-appellant talab lill-kumpanija ittaffi d-decizjoni ta' tkeccija; taghtih l-opportunita' jirrizenja u ssiblu impjieg alternattiv ma' kumpanija li fiha l-Air Malta kellha sehem. Il-Management accetta li jirrikonsidra d-decizjoni ta' tkeccija fuq bazi umanitarja u ghamel l-arrangamenti mehtiega biex l-appellant jigi impjegat mill-Holiday Services Ltd. Qabel ukoll li jhalli lil Caruana jirrizenja fuq inizjattiva tieghu b'effett mis-17 ta' Mejju, 1981.

.../3

Il-kumpanija kienet konvinta li l-impieg kien qed jigi terminat bi ftehim reciproku u li kien qed isir mill-appellant u mhux mill-kumpanija. Fid-dawl ta' dan kollu u tar-rifjut sussegwenti ta' Caruana li jonora l-impenn morali li jirrizenja, il-Kumpanija ddikkjarat li t-tkeccija originali tas-7 ta' April, 1981 kienet wahda gusta.

3. <u>Xhieda</u>

It-Tribunal sema' bir-reqqa lista twila ta' xhieda bil-ghan li jaghti liz-zewg nahat opportunita' ampja li jissostanzjaw it-tezi rispettiva taghhom. L-aspetti saljenti ta' din ix-xhieda estenwanti, gew offerti fost l-ohrajn mis-sinjuri Paul Caruana, Shop Steward; mis-sur Lino Scerri Taylor, impjegat iehor fil-kumpless in kwistjoni; Michael Pace, membru tal-Management team u President tat-Taqsima tal-Lukandi u Ristoranti tal-General Workers' Union; u s-Sur Albert Mizzi, Chairman tal-kumpanija Air Malta. Ix-xhieda l-ohra mressqa miz-zewg nahat taw kontribut siewi wkoll biex jippermettu lit-Tribunal isib tarf din il-kobba mhabbla. F'din ix-xhieda, dehru n-nuqqasijiet u r-rapporti bejn l-appellant u l-kumpanija. Uhud mix-xhieda kienu iccentrati fuq x'ghadda mill-inkjesta ordnata mill-oghla awtoritajiet tal-kumpanija biex tigi mistharrga s-sustanza u l-validita' ta' l-akkuzi ta' Caruana. Is-sur Scerri Taylor tkellem dwar dawk li qies nuqqasijiet serji u abbuzi minn impjegati ta' Hal Ferh Holiday Co. Ltd flimkien ma' tberbieq bl-addocc ta' flus il-kumpanija. Huwa esprima l-fehma li kienet mehtiega azzjoni drastika min-naha ta' l-awtoritajiet biex tigi salvata l-kumpanija, u f'dan il-kuntest ta' abbuzi generali, Caruana kellu ragun iressaq l-ilmenti u l-akkuzi tieghu. Is-Sur Albert Mizzi, Chairman ta' l-Air Malta u ta' Hal-Ferh Holiday Co. Ltd. xehed li kienet inkitbet ittra lill-Ufficju tal-Prim Ministru b'certa akkuzi, u s-segretarju tal-Prim Ministru baghtielu biex

jiehu l-azzjoni mehtiega. Huwa baghat ghal Caruana u ghal Scerri Taylor, u wissihom li l-akkuzi li huma ghamlu kienu gravi u jekk mhux ser jissustanzjawhom, kien ser jirrikorri ghal passi ta' tkeccija. Wara sar bord ta' inkjesta li gharraf lill-Bord tad-Diretturi li l-akkuzi ma kinux gew issostanzjati. Sadattant is-sur Scerri Taylor irtira l-akkuzi tieghu li kien kiteb fl-ittra. B'hekk il-Bord tad-Diretturi iddecieda li jkecci lil Caruana, izda wara qata' li fuq bazi umanitarja jaghtih post f'kumpanija sussidjarja ohra, u fil-fatt, sar hekk. Caruana kien accetta li jaghti r-rizenja tieghu. Huwa wara talab li l-kwistjoni tigi rrangata bi flus izda l-kumpanija m'accettatx.

Ix-xhieda ghalhekk giet zviluppata fuq il-binarji tal-konflittwalita' kif ikkunsidrata mix-xhud partikolari.

4. <u>Sottomissjonijiet Finali</u>

Iz-zewg nahat ikkonfermaw l-istatements of case originali taghhom u ma zjiedu xejn partikulari li jikkostitwixxi novita' ghall-analizi tal-kaz. Caruana sostna li qatt ma accetta li jirrizenja; ikkonferma l-akkuzi ta' abbuzi gravi f'Hal Farh u d-dmir tieghu li jiehu azzjoni biex dan jieqaf. Il-kumpanija wiegbet li l-fatt li flok kecciet definittivament lill-appellant, u minflok, keccietu izda taghtu impjieg alternattiv f'kumpanija sussidjarja, kienet azzjoni lenjenti hafna. Meta taghtu post iehor, tqieghed taht il-kundizzjonijiet tal-post il-gdid. Minhabba l-fatt li Caruana cahad li l-kumpanija kienet qablet li tbiddel it-tkeccija f' f'rizenja, il-kumpanija talbet lit-Tribunal jordna lil Caruana ihallasha lura l-flus dovuti lilha mit-3 ta' April sas-17 ta' Mejju, 1981.

5. <u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>

It-Tribunal sema' bir-reqqa kollha u b'pacenzja kbira l-argumentazzjonijiet ampjament illustrati miz-

zewg kontendenti fit-tilwima. Il-kriterju fundamentali li adotta tul is-smiegh tal-kaz jirrigwardja aspetti essenzjali ta' etika industrijali li hi kundizzjoni "sine qua non" f'tilwima ta' din ix-xorta meta impjegat jigi akkuzat li qabez limiti, doveri jew funzjonijiet komuni tieghu. Il-qofol kollu hu determinat mill-aspetti ta' importanza assoluta, u li huma l-kredibilita', il-kompetenza, l-integrita' professjonali u l-eticita' ta' managers, ufficjali u haddiema.

Dan il-kriterju etiku u morali irid jigi inserit b'mod armoniku fir-realta' kruda ta' l-industrija fi kwalunkwe settur. Is-sens elementari izda indispensabbli ta' l-awtorita' huwa fattur iehor li jinkwadra l-kaz fil-perspettiva awtentika tieghu ta' kaz industrijali u morali fl-istess waqt.

Kull realta' industrijali jkollha n-nuqqasijiet taghha, ghax kull fejn jezistu l-bnedmin, jitwettqu azzjonijiet assurdi li l-bniedem xi kultant jaghmel b'mod assolutament irrazzjonali. Dan pero' ma jfissirx li xi hadd, la ta' kumitat tax-xoghol, la ta' Management, la ta' Union, ghandu d-dritt jassumi atteggjament jew figura ta' prosekutur.

Waqt li hu tajjeb li jitqiesu s-suggerimenti kostruttivi ta' kulhadd, ghax kulhadd jista' jaghti sehem siewi, hadd ma jista' jikkompromotti, jiddistruggi jew jinkrimina b'mod abusiv u generiku, lil min ikollu l-piz u r-responsabbilta' difficli li jmexxi intrapriza.

Irrizulta mix-xhieda, li Caruana qabez il-limiti semplici ta' Night Porter/Security, u assuma funzjoni ta' investigatur u prosekutur. Il-Kumpanija wriet rieda tajba billi ppruvat tasal fi ftehim bonarju fuq bazi umanitarja, u ghalhekk il-hidma taghha kienet wahda korretta.

.../6

6. AWARD

Fl-isfond ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal jirrakkomanda (mhux jordna li l-flus imhallsa lil Caruana mit-8 ta' April sas-17 ta' Mejju, 1981, ma jergghux jittiehdulu lura, bil-ghan li l-kwistjoni ma tibqghax tkarkar aktar. Teknikament pero' Caruana tilef l-impjieg tieghu nhar is-7 ta' April, 1981.

It-Tribunal jichad it-talbiet kollha ta' Caruana u jiddikkjara li l-kumpanija kienet gustifikata fid-decizjoni ta' tkeccija. Bis-sahha ta' dawn l-aspetti kollha kif dettaljatament illustrati, it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

EDW. F. ABELA
A/SEGRETARJU

ANTHONY PORTUGHESE
CHAIRMAN

mb